MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2005

Numru. 467/2002

PULIZIJA
SPETTUR DAVID SALIBA
VS
LOUIS RONAYNE

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Louis Ronayne, ta' 19-il sena, bin Edward u Modesta nee' Magro, imwieled Pieta' fl-20 t'April1983, u li joqghod Nru 2, Sqaq il-Knisja, Qrendi, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 233383(M), u akkuzat talli f'dawn il-gzejjer fl-ahhar xhur u qabel l-21 ta' Novembru 2001, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda ai termini tal-Artiklu 18 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, akkuzat talli bil-lejl, u cioe' fil-lejl ta' bejn il-5 u s-6 ta' Marzu 2001 mill-klabb tal-football, li huwa sitwat fi Triq il-Madonna tal-Gilju, Mqabba, flimkien ma' persuna ohra, ikkommetta serq ta' diversi oggetti

fosthom xorb, sigaretti, li l-valur taghhom jeccedu l-mitt lira Maltin (Lm100), izda anqas minn elf lira Maltin (Lm1000), ghad-dannu ta’ Donald Bonnici u/jew il-kumitat tal-istess klabb, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur u hin.

U aktar akkuzat talli bil-lejl, u cioe’ fil-lejl ta’ bejn id-19 u l-20 ta’ Novembru 2001, mill-kazin Santa Marija, li huwa sitwat fi Triq il-Parrocca, Qrendi, ikkommetta serq ta’ diversi oggetti fosthom flus kontanti, xorb spirituz, television tal-ghamla Saba, li l-valur taghhom jeccedi l-mitt lira Maltin (Lm100), izda anqas minn elf lira Maltin (Lm1000), u dan ghad-dannu ta’ William Buhagiar u/jew ghall-kumitat tas-socjeta’ muzikali Santa Marija, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur u hin.

Akkuzat ukoll talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli fl-imsemmija kazini, liema hsara tiskorri l-hamsin lira Maltin (Lm50) izda anqas minn hames mitt lira Maltin (Lm500).

Akkuzat ukoll talli fl-imsemmija reati, irrenda ruhu komplici fl-imsemmija reati billi ghad li ma kinitx il-persuna li kkommetta reati imsemmija hawn fuq b’xi mod li jkun, xjentement, ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt li bihom id-delitt jkun gie preparat jew ikkunsmat.

Fl-ahhar nett akkuzat talli fl-istess zmenijiet, hinijiet, dati u cirkostanzi f’Malta xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, liema oggetti gew mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta jew xjentement b’kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi fuq l-ammissjoni tal-imputat, il-Qorti ssibu hati skond l-akkuza li hija dwar serq li jeccedi l-mitt lira Maltin (Lm100) u li ma jeccedux l-elf lira Maltin (Lm1000) u hsara li jeccedi

Illi l-imputat gratwitament iddikjara illi huwa seraq b'ammont ta' elf u disa' mitt lira Maltin (Lm1900) u wettaq hsarat ta' mitt lira Maltin (Lm100) ghalkemm hallas s-somma ta' mitejn lira Maltin (Lm200) fi hsarat.

Illi din l-asserzjoni ma gietx b'ebda mod guramentata u ebda prova ulterjuri ma tressqet sabiex l-imputat b'xi mod jipprova l-verzjoni tieghu.

Illi ghaldaqstant, il-Qorti ma tarax illi l-imputat almenu sal-grad probatorju ta' 'on a balance of probabilities' xejjen b'xi mod anke remot li c-cifra ta' dan is-serq kien anqas minn dak li xehed dwarhom il-kwerelant.

Illi mix-xhieda tal-Ispettur Agius, a fol 13 et seq,

Illi din il-Qorti wara li rat il-provi, jirrizultalha illi ghar-rigward tas-serq mill-kazin tal-Banda tal-20 ta' Novembru 2001, l-ammont misruq jilhaq is-somma ta' elf, erba' mija u erba' u sittin lira Maltin (Lm1464) (ara fol 29 tal-process verbal anness mal-atti), waqt li fis-serqa tal-football club Imqabba, tas-6 ta' Marzu 2001 l-ammont misruq kien ta' tmien mija u ghaxar liri Maltin (Lm810) (ara fol 11 tal-process verbal anness mal-atti). L-ammont tal-hsarat fiz-zewg serqiet ma jidhirx li jeccedi l-mitejn lira Maltin (Lm200).

Illi ghal dawn il-motivi, din il-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel akkuza, tar-raba' akkuza b'hames assorbita u wara li rat Artikli 261, 263, 264, 270, 267, 325, 42, Artiklu 28A, 28G u 28H, il-Qorti tikkundanna lill-imputat ghal sentejn prigunerija sospizi ghal tlett snin, tqieghed lill-imputat taht

'supervision suspended order' taht is-supervizjoni ta' probation officer li jigi nominat mid-Direttur tal-Probation Services, u tidderiegi lill-imputat biex ihallas is-somma ta' elf, erba' mija u erba' u sittin lira Maltin (Lm1464) lill-kazin tal-Banda ta' Santa Marija, u tmien mija u ghaxar liri Maltin (Lm810), lill-kazin tal-football tal-Imqabba, u dana apparti l-mitejn lira Maltin (Lm200) hsarat li gew imhallsa fil-mori tal-kawza biex ikopri l-hsarat li l-imputat wettaq. Dan l-ammont globali ta' elfejn mitejn u erba' u sebghin lira Maltin (Lm2274) ghandu jithallas fi zmien sitt xhur mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------